MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru 411/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Aimen El Baden**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Aimen El Baden ta’ wiehed u tletin (31) sena, bin Said Giele u Fatima neè Bakoush, imwieled Tripoli, Libya fl-14 ta’ Ottubru 1980 u presentement residenti fil-Facilità Korrettiva ta’ Kordin, detentur ta’ Passaport Libjan bin-Numru 877487, talli f’dawn il-Gzejjer, gewwa l-Facilità Korrettiva ta’ Kordin, nhar l-10 ta’ Marzu 2012, kif ukoll f’dawn l-ahhar sentejn qabel din id-data, f’hinijiet differenti u f’bnadi ohra f’Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija kienet giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. U aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorità legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-Habs xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi Habs, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kap.260 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi l-Qorti tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "JV1", *personal details form* ta' l-imputat markata Dok. "JV2", stqarrija

rilaxxjata mill-imputat markata Dok. “JV3”, rapport tal-Pulizija markat Dok. “JV4”, il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ai termini ta’ l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta markat Dok. “JV5” u sentenza fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta v. Aimen Said Giali El Baden” pronuncjata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-28 ta’ Settembru 2004 markata Dok. “JV6”;

Rat il-Process Verbal Nru. 903/12 markat Dok. “GV1”;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja w in oltre li jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, il-Qorti ssibu hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat, il-gravità ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat u li taghhom qed jinstab hati kif ukoll il-fatt li l-imputat wettaq dawn ir-reati gewwa l-Facilità Korrettiva ta’ Kordin waqt li kien qed jiskonta piena ta’ prigunerija.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat ir-Regoli 4 u 5 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8(d) u l-Artikolu 22(1)(a) u (2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 7(1) tal-Kap.260 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-

konfront tieghu, tikkundannah ghall-piena ta’ tlett (3) snin prigunerija effettiva **u** ghall-hlas ta’ multa ammontanti ghal elfejn Euro (€2,000).

Il-Qorti in oltre tordna li d-droga li nstabet fil-pussess ta’ l-imputat tigi kkonfiskata favur il-Gvern u konsegwentement distrutta taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

In fine l-Qorti tilqa’ t-talba tal-Prosekuzzjoni u ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-hatra ta’ Esperti fl-Inkjesta dwar Sejba ta’ Sustanza allegatament droga fuq il-persuna ta’ Aimen El Baden fil-Facilità Korrettiva ta’ Kordin fl-10 ta’ Marzu 2012, dwar liema thejja l-Process Verbal bin-Numru 903/12 esebit f’dawn il-proceduri u markat bhala Dok. “GV1”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------